# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.

### Seduta tal-lum il-Gimgha 12 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 12/1972 MM

Francesco Gauci u b'digriet tat-2 ta' Frar 1981 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' ulied l-attur Francesco Gauci u cioe' Luigia mart Giuseppe Vassallo, Giuseppa xebba, George, Rev. Dun Gwann, Maria Rosa xebba, Anton u Tarcisio ahwa Gauci stante l-mewt ta' l-attur Francesco Gauci fil-mori tal-kawza

-vs-

Carmela armla minn Gorg Spiteri, u b'digriet tat-23 ta' Frar 1977 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Giuseppe Spiteri stante l-mewt fil-mori tal-kawza tal-konvenuta Carmela Spiteri; Michelangelo Spiteri; Giuseppe Spiteri u b'digriet tal-21 ta' Dicembru 1981 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Giuseppa armla ta' Giuseppe Spiteri f'isimha proprju kif ukoll bhala legittima rapprezentanta ta' binha minuri George Spiteri stante l-mewt tal-konvenut Giuseppi Spiteri fil-mori tal-kawza; Dolores mart Pawlu Zammit; Giovanna mart Antonio Mifsud; Felicita Spiteri xebba, in-nisa mizzewgin bl-assistenza ta' zwieghom u Michelangelo Spiteri b'digriet tal-15 ta' April 1971, kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Gorg Spiteri u Francesco Spiteri

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-23 ta' Marzu 1972 fejn wara illi ppremettew illi b'att tad-9 ta' Mejju 1872, fl-atti tan-Nutar Francesco

Calleja (Dok A) Carmela xebba bint il-Magistrat Daniele Garroni kkoncediet lil Giuseppe Gauci taht titolu ta' enfitewsi temporanea ghall-perjodu ta' 99 sena dekorribbli mill-15 ta' Awissu 1872, il-giardina hemm deskritta;

Illi b'att tas-6 ta' Ottubru 1872, fl-atti tan-Nutar Francesco Calleja, Dun Michelangelo Garroni kkonceda lil Giuseppe u Luigi ahwa Gauci taht titolu ta' enfitewsi temporanea ghall-perjodu ta' 99 sena dekorribbli mill-15 ta' Awissu 1872, il-postijiet, f'dak iz-zmien, numri 44/45 u 46 Strada Ghajn Qatet, Victoria, kif hemm deskritti (Dok B);

Illi b'att tad-19 ta' Settembru 1931, fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci, Carolina Spiteri, aventi kawza mill-utilisti hawn fuq imsemmija, ttrasferiet lil Giorgio Spiteri l-post, f'dak iz-zmien, numru 75, Strada Ghajn Qatet, Victoria u l-giardina maghrufa bhala Ta' Fuq Ghajn Qatet kif hemm deskritti, bhala suggetti ghac-cens annwu perpetwu ta' lira, tlettax-il xelin u erba' soldi (L1.13.4) (Dok C);

Illi b'att tal-31 ta' Jannar 1933 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri, Sir Arturo Mercieca, Felice, Alberto, Adelina mart Robert Howard, Tancredi, Alfredo, u Maria mart Luigi Bondi Dalli lkoll ahwa Mercieca ttrasferew id-diretti dominji u drittijiet ohra ezistenti fuq il-post, f'dak iz-zmien, numru 75, Strada Ghajn Qatet, Victoria u l-giardina denominata "Ta' Fuq Ghajn Qatet", kif hemm deksritti lil Francesco Gauci, l-attur (Dok D);

U illi l-imsemmija enfitewsi tterminat fil-15 ta' Awissu 1971;

Illi l-konvenuti interpellati b'ittra ufficjali tat-13 ta' April 1971, biex jirrilaxxjaw f'idejn l-atturi l-post, illum 241, Ghajn Qatet Street, Victoria, u l-giardina, maghrufa Ta' Fuq Ghajn Qatet, ghal-liema tinstab referenza fil-kuntratti imsemmija, sabiex jaddivjenu ghall-att tal-konsolidazzjoni tal-enfitewsi temporanea hawn fuq imsemmija li jaghlqu fil-15 ta' Awissu 1971, dwar l-istess ingustament irrifjutaw li jaghmlu dan.

Illi l-konvenuti qeghdin jallegaw li huma qeghdin jipposjedu l-postijiet in kwestjoni taht titolu ta' enfitewsi perpetwa.

Talbu lil din il-Qorti tiddikjara null u bla effett il-kuntratt ippubblikat fid-19 ta' Settembru 1931, fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci in kwantu jirrigwarda l-proprjeta' utile ta' l-immobbli hemm deskrtti sussegwenti ghad-data tal-15 ta' Awissu 1971, data tat-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika temporanea tad-9 ta' Mejju 1872 u dik tas-6 ta' Ottubru 1872 ppubblikati fl-atti tan-Nutar Francesco Calleja, minhabba r-ragunijiet u fic-cirkostanzi hawn premessi;

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jaddivjenu ghall-att ta' konsolidament ta' l-enfitewsi hawn imsemmija;

Tinnomina Nutar biex jircievi u jippublika l-att relattiv f'data stabbilita minn dina l-Qorti u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess; u

Tikkundanna lill-konvenuti jizgumbraw mill-immobbli hawn deskritti, u cioe' l-post numru 241, Ghajn Qatet Street, Victoria u l-giardina maghrufa bhala Ta' Fuq Ghajn Qatet, peress illi huma qeghdin jokkupawhom minghajr titolu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-13 ta' April 1971, u tal-14 ta' Gunju 1971 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Giuseppe Spiteri fejn eccepixxa:

Illi l-fondi li taghhom huwa proprjetarju l-konvenut jinsabu ghandu in enfitewsi perpetwa u l-attur akkwista d-diretti dominji perpetwi ta' dawn il-fondi bil-kuntratt tat-30 ta' Jannar 1933 atti Giuseppe Camilleri;

Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju tal-premess l-konvenut ghandu favur tieghu l-preskrizzjoni kemm decennali kif ukoll trentannali;

Illi ghar-rigward d-domanda ghad-dikjarazzjoni tan-nullita tal-kuntratt tad-19 ta' Settembru 1931 atti Francesco Gauci l-gudizzju mhux integru peress illi ghandhom ikunu fil-kawza kemm l-aventi kawza ta' George Spiteri, il-kompratur, kif ukoll dawk ta' Carolina Spiteri, il-venditrici;

Illi ghalhekk id-domandi attrici ghandhom kollha jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Carmela armla Spiteri fejn eccepiet:

Illi l-fondi in kwestjoni kienu gew akkwistati mill-esponenti u zewgha durante konjugio u llum jinsabu in kwantu ghal nofs indiviz ghandha u in kwantu ghan-nofs l-iehor ghand binha, il-konvenut Giuseppe Spiteri, liema nofs indiviz pero' huwa suggett ghall-uzufrutt taghha ukoll;

Illi fil-fatt dawn il-fondi kienu gew akkwistati b'titolu ta' enfitewsi perpetwa u l-attur ghandu biss d-diretti dominji perpetwi taghhom in forza ta' kuntratt tat-30 ta' Jannar 1933 atti Nutar Giuseppe Camilleri.

Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta ghandha favur taghha l-preskrizzjoni kemm decennali kif ukoll trentennali;

Illi ghar-rigward id-domanda ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-kuntratt tad-19 ta' Settembru 1931, l-gudizzju mhux integru billi ghandhom ikunu fil-

kawza kemm l-aventi kawza ta' George Spiteri kif ukoll dawk tal-venditrici Carolina Spiteri;

Illi ghalhekk id-domandi ta' l-attur ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Michelangelo Spiteri et noe fejn eccepixxa illi l-fondi in kwestjoni jinsabu b'titolu ta' enfitewsi perpetwa ghand huhom, Giuseppe Spiteri u ommhom Carmela armla Spiteri, it-tnejn konvenuti f'din il-kawza u ghalhekk huma m'ghandhomx interess fl-ezitu ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk huma jitolbu li jigu liberati *ab observantia* bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Frar 1977 fejn iddecidiet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni favur il-konvenuti.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-14 ta' April 1992 fejn irrevokat is-sentenza tal-Prim'Istanza u cahdet l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni kif imqajjma mill-konvenuti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Dicembru 1994 fejn innominat lill-perit tekniku AIC Emanuel Vella sabiex jistabilixxi l-konsistenza u l-konfini prezenti ta' l-art meritu ta' din il-kawza.

Rat ir-relazzjoni tal-perit fuq imsemmi pprezentat fit-23 ta' Gunju 1995 u mahluf fit-28 ta' Settembru 1995.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja t-trapass taz-zmien u l-kwistjonijiet legali u kumplikazzjonijiet illi inqalghu f'din il-kawza il-Qorti trid izomm quddiem ghajnejha t-talbiet fic-citazzjoni u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif originarjment proposti. Dawn it-talbiet huma principalment tlieta, u cioe' n-nullita' tal-kuntratt tad-19 ta' Settembru 1931, l-adezjoni tal-konvenuti ghall-att ta' konsolidament u l-izgumbrament mill-post 241, Ghajn Qatet Street, u giardina maghrufa bhala Ta' fuq Ghajn Qatet.

Kontra dawn it-talbiet hemm l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi huma principalment dawk illi gie koncess lilhom emfitewsi perpetwa fit-30 ta' Jannar, 1933. Il-preskrizzjoni favur taghhom kemm decennali kif ukoll trentannali u fl-ahhar li l-gudizzju mhuwiex integru peress illi kellhom jidhru

f'din il-kawza l-aventi kawza ta' George Spiteri, il-kumpratur, kif ukoll dawk ta' Carolina Spiteri, il-venditrici. Huwa fuq dawn iz-zewg binarji illi din il-Qorti ghandha tikkonsidra din il-kawza fl-isfond ukoll tas-sentenza ta' l-Appell ta' l-14 ta' April 1992.

Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra l-ewwel, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rigward l-ahhar eccezzjoni li l-gudizzju mhuwiex integru, illum irrizulta illi l-aventi kawza ta' George Spiteri, il-kompratur, huma l-istess konvenuti kif imharka originarjament f'dawn l-atti. Ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda fondament ta' din l-eccezzjoni illi tidher illi inghatat tanto per aktar milli ghal xi fondament legali illi suppost eccezzjonijiet ghandhom ikollhom.

Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dina giet definittivament deciza bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' April, 1992 fejn kienet irrevokat l-ewwel sentenza u rrespingiet din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif imqajma mill-konvenuti u halliet il-kawza ghas-smiegh dwar il-meritu. Ghalhekk tibqa' l-ewwel eccezzjoni, dik illi l-konvenuti proprjetarji ta' dawn il-fondi peress illi gew akkwistati minnhom b'kuntratt tat-30 ta' Jannar, 1933 in atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri taht titolu ta' emfitewsi perpetwa.

Ikkunsidrat:

Ghal dawk illi huma l-fatti ta' din il-kawza, il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fejn dik il-Qorti bl-aktar mod car esponiet il-fatti kollha tal-kawza mill-ewwel kuntratt tad-9 ta' Mejju, 1872 sal-ahhar kuntratt tal-31 ta' Jannar, 1933.

Ghalhekk irrizulta illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Calleja tad-9 ta' Mejju 1872 Carmela Garroni kkoncediet b'titolu ta' cens temporanju ghal disgha u disghin sena (99), mill-15 ta' Awissu 1872, lil Giuseppi Gauci l-giardina maghrufa bhala ta' fuq Ghajn Qatet, Victoria Ghawdex kif soggetta ghal cens annwu ta' tmintax-il xelin u erba' soldi.

B'kuntratt tas-6 ta' Ottubru 1872 fl-atti tan-Nutar Francesco Calleja, Dun Michelangelo Garroni kkonceda b'titolu ta' emfitewi temporanja ghal disgha u disghin (99) sena, mill-15 ta' Awissu 1872, lil Giuseppi u Luigi ahwa Gauci l-postijiet 44/45 u 46 Strada Ghajn Qatet, Victoria bic-cens ta' lira u ghaxar xelini fis-sena. B'kuntratt iehor tal-15 ta' Marzu 1873 l-istess Giuseppi u Luigi ahwa Gauci qasmu l-fondi urbani fuq indikati u bdew ihalsu c-cens ta' hmistax-il xelin kull wiehed u cioe' nofs ic-cens fuq il-fondi urbani kull wiehed.

Ghalhekk gie li Giuseppi Gauci kellhu fond urban u giardina fit-TriqGhajn Qatet, Victoria, Ghawdex. Sussegwentement il-fondi in kwestjoni ghaddew

mill-istess Giuseppi Gauci ghal ghand certa Salvatore Spiteri. Carolina Spiteri, cioe' bint Salvatore Spiteri, fid-19 ta' Settembru 1931 ittrasferiet lil George Spiteri, awtur tal-konvenuti, il-fondi in kwestjoni soggetti ghal cens annwu u perpetwu ta' lira u tlettax-il xelin u erba' soldi (18 shillings 4 pence plus 15 shillings).

Fil-31 ta' Jannar 1933 b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri l-attur, Francesco Gauci, xtara id-dirett dominium tal-fondi in kwestjoni liema dirett dominium fl-istess att gie deskritt bhala perpetwu. Jirrizulta, pero', illi l-attur fl-istess att iddikjara, sabiex ma jigix ippregudikat, li kien sema' li c-cens relattiv kien temporanju u ghalhekk gie dikjarat illi kien qed jidhol fid-drittijiet tal-venditur, cioe' il-padruni diretti ta' dak iz-zmien.

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza qamet kwestjoni dwar l-identita' tal-fondi. Fil-fatt fid-dikjarazzjoni stess ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma qeghdin jallegaw illi l-fondi moghtija b'cens temporanju mill-ahwa Garroni m'ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' dawk mixtrija minn missier il-konvenut u l-kuntratti msemmija mill-attur jirreferu ghall-fondi ohra.

Ta' min jirrileva illi bejn 1872 u dawn iz-zminijiet tbiddlu diversi drabi n-numri tal-postijiet u fondi f'dawn il-gzejjer. Ghalhekk kellhom jigu identifikati dawn il-fondi illi huma mertu ta' din il-kawza, u kien f'dan l-isfond illi gie nominat l-AIC Emanuel Vella fid-9 ta' Dicembru 1994 sabiex jistabbilixxi l-konsistenza u l-konfini prezenti ta' l-art meritu ta' din il-kawza.

Fir-relazzjoni tieghu, a fol 273, huwa esebixxa pjanta illi qeghdha fol 276 u ta l-ispjegazzjonijiet tieghu fis-seduta tas-6 ta' Mejju 1999. Il-Perit Emanuel Vella osserva illi parti mit-triq hemm odd numbers, u parti mit- triq opposta hemm even numbers. Huwa identifika l-postijiet f'din il-pjanta a fol 276 bhala l-farmhouse bl-ittra A u l-giardina bl-ittra B. Il-parti s-safra kienet tifforma parti mill-giardina B, pero' illum or'mai hija esproprijata mill-Gvern.

Meta l-perit Vella xehed quddiem din il-Qorti kellhu quddiem il-pjanta a fol 292 li hija fotokopja ta' l-original a fol 276. Il-perit Vella kkonkluda illi:

"hu probabbli li l-farmhouse allura ghandu n-numru 241 ……"

Kwindi l-Qorti hija sodisfatta illi l-fond imsemmi fic-citazzjoni 241, Ghajn Qatet Street, huwa proprju dan il-fond indikat bl-ahmar markat A a fol 276 tal-process u l-giardina maghrufa bhala ta' Ghajn Qatet hija dik indikata blu bl-ittra B fl-istess pjanta fol 276. Dawna huma kwindi z-zewg fondi meritu ta' din il-kawza u fuq dawn il-fondi din il-Qorti ser taghti d-decizjonijiet taghha.

Fil-kors ta' din il-kawza issemma' wkoll passagg mill-konvenuti, pero' il-Qorti jidhrilha illi dan il-passagg m'ghandu x'jaqsam xejn ma' din il-kawza, huwa ghal kollox irrilevanti u fuq kollox illum m'ghadux jezisti, kif xehed il-Perit Vella a fol 301 tal-process.

Ghalhekk darba gew identifikati l-fondi, giet deciza l-kwestjoni ta' preskrizzjoni, jibqa' biss il-kwestjoni tal-kuntratt tad-19 ta' Settembru 1931 u kif din taffettwa d-drittijiet tal-konvenuti stante illi huma qeghdin jibbazaw it-titolu taghhom fuq dan il-kuntratt li ta lill-awturi taghhom titolu ta' emfitewsi perpetwa fuq il-fondi fuq imsemmija.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali u dawk dokumentarji l-Qorti hija sodisfatta illi l-fondi li gew trasferiti tramite l-kuntratt tad-19 ta' Settembru 1931 huma l-istess illi gew koncessi biz-zewg kuntratti li saru fl-1872. M'hemmx dubbju illi dawk deskritti fil-kuntratti ta' l-1872 bhala 44/45 u 46 Strada Ghajn Qatet, u giardina, huma l-istess fondi deskritti fil-kuntratt ta' Settembru 1931 bhala 75 Strada Ghajn Qatet, Victoria u giardina ta' fuq Ghajn Qatet. Kif gia inghad, il-Qorti hija wkoll sodisfatta illi dawn il-fondi illum huma deskritti bhala 241, Ghajn Qatet u l-giardina ta' fuq Ghajn Qatet.

Il-koncessjonijiet illi saru fl-1872 kienu temporanji u skadew fil-15 ta' Awissu 1971, kwindi l-awtrici tal-konvenuti ma kellha l-ebda dritt tikkoncedi b'titolu ta' cens perpetwi dawn il-fondi illi kienu originarjament moghtija lill-awtur taghha b'cens temporanju.

Ghalhekk l-unika konkluzzjoni li tista' tasal ghaliha din il-Qorti hija li din il-koncessjoni li saret fid-19 ta' Settembru 1931 ghandha difett serju fil-kontenut taghha. Dan id-difett jimmina d-drittijiet tad-direttarji u l-utilisti bil-konsegwenza illi dawn gew riflessi fl-aventi kawza taghhom li waslu ghal din il-kawza.

Iz-zmien ta' koncessjoni huwa fattur determinanti u ta' importanza massimu f'kuntratt ta' koncessjoni emfitewtika. Jekk dan iz-zmien ikun zbaljat allura dana jirrifletti fuq il-kuntratt kollhu. Dana mhux xi zball accidentali izda zball illi jista' jigi sanat biss b'kuntratt korrettorju. Jekk il-partijiet, jew l-aventi kawza taghhom, ma jaqblux fuq dan, il-konsegwenzi fuqhom huma verament serji ghax jistghu jigu infaccati b'cirkostanzi u b'termini illi jaffettwaw serjament it-titolu tal-proprjeta' illi jkollhom f'idejhom.

M'hemmx dubbju illi proprjeta' moghtija b'koncessjoni temporanja tiswa hafna inqas minn proprjeta' moghtija b'koncessjoni perpetwa u dan il-valur jirrifletti l-portata ta' l-izball illi jittiehed f'dan il-kuntratt tad-19 ta' Settembru 1931.

It-tul taz-zmien f'kuntratt ta' koncessjoni emfitewtika hu wiehed mill-elementi l-aktar importanti ghall-validita' tieghu u jwassal ghal nullita' jekk ikun nieqes jew ikun hemm zball fil-kontenut tieghu. Anke konvenju jista' jigi vizzjat jekk ikun hemm zball fit-terminu ta' provenjenza ahseb u ara kuntratt pubbliku li jkun jirrifletti stat ta' fatt fil-konfront ta' terzi u li fuqu jkunu bazati titolu o menu b'rifless fuq ordni pubbliku.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u l-annullament tas-subkoncessjoni tad-19 ta' Settembru 1931 igib fix-xejn l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u l-argumenti taghhom kollha.

It-titolu taghhom hu bbazat unikament u esklussivament fuq dan l-ahhar att u darba dana jigi mwarrab jifdal biss il-koncessjonijiet originali ta' l-1872 li maghhom il-konvenuti m'ghandhom x'jaqsmu xejn. Fi kwalunkwe kaz, dawn il-koncessjonijiet skadew fil-15 ta' Awissu 1971 u illum il-konvenuti ma jistghu jippretendu ebda drittijiet fuq l-ambjenti imsemmija fic-citazzjoni u deskritti ahjar fil-pjanta ta' l-AIC Emanuel Vella a fol 276.

Rigward it-tieni talba ta' l-atturi u cioe' dik ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jaddivjenu ghall-att ta' konsolidament ta' l-emfitewsi il-Qorti jidhrilha illi or'mai din it-talba hija superfluwa. Darba jigi annullat l-att originali illi fuqu l-konvenuti qed jibbazaw t-titolu taghhom, kwalunkwe dritt minnhom pretiz gie negat u ghalhekk darba huma m'ghandhom l-ebda drittijiet ma jistghux jaghtu dak illi m'ghandhomx kif jghallem id-dritt Ruman *nemo dat quod non habet.* Ghalhekk zgur illi l-konvenuti m'humiex f'posizzjoni li jidhru f'att ta' konsolidament meta huma m'ghandhom xejn x'jirritornaw lid-direttarji.

Ghalhekk mhux il-kaz illi jigi nominat nutar biex jircievi u jippubblika l-att relattiv jew kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci. Illum huwa stabbilit illi l-konvenuti qeghdin fil-pussess ta' dawn l-ambjenti, liema pussess hu wiehed illegali u m'ghandhomx triq ohra hlief li jivvakaw dawn il-fondi favur id-direttarji l-atturi odjerni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi, tiddikjara null u bla effett il-kuntratt pubblikat fid-19 ta' Settembru 1931 fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci in kwantu jirrigwarda l-proprejta' utile ta' l-immobbli deskritti fic-citazzjoni sussegwenti ghad-data tal-15 ta' Awissu 1971, data tat-terminazzjoni tal-koncessjoni ta' emfitewsi temporanja tad-9 ta' Mejju 1872 u dik tas-6 ta' Ottubru 1872 pubblikati fl-atti tan-Nutar Francesco Calleja, ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba peress illi din hi or'mai superfluwa ghaliex il-konvenuti mhumiex f'posizzjoni li jirritornaw proprjeta' li m'hijiex u qatt ma kienet legalment taghhom u fl-ahharnett tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien xahrejn mid-data ta' din is-

sentenza huma jizgumbraw mill-immobbli hawn deskritti u cioe il-post numru 241, Ghajn Qatet Street, Victoria u l-giardina maghrufa bhala ta' fuq Ghajn Qatet, deskritti ahjar mill-pjanta tal-Perit Emanuel Vella a fol 276 tal-process u cioe' il-fond indikat bl-ittra A u l-giardina immarkat bl-ittra B.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur